NAO
National Audit Office
MALTA

National Audit Office
Notre Dame Ravelin
Floriana FRN 1600
Malta

Phone: (+356) 22055555
E-mail: nao.malta@gov.mt
Website: www.nao.gov.mt
www.facebook.com/NAOMalta

*Awditur Ġenerali*

Rif: NAO 39/2016

30 Diċembru 2016

Onor. Antonio Fenech, B.A. (Hons.) Accty., F.M.I.A., C.P.A.A., M.P.
*Chairman*
Kumitat tal-Kontijiet Pubbliċi
Parlament ta' Malta
Pjazza Ħelsien
Valletta

Onor. *Chairman*,

Nirreferi għaż-żewġ seduti tal-Kumitat tal-Kontijiet Pubbliċi (PAC) li saru fit-28 ta' Novembru u fil-5 ta' Diċembru 2016 li essenzjalment iddiskutew fid-dettal l-ittra tal-Avv. Ian Spiteri Bailey, għan-nom tal-Union Ħaddiema Magħqudin u l-Medical Association of Malta, datata 21 ta' Novembru, li fiha ġie mitlub li ssir investigazzjoni tal-kuntratti tat-tliet sptarijiet mal-Vitals Global Healthcare Malta. Nixtieq nirreferi wkoll għall-ittra ffirmata mill-membri tal-Gvern fil-PAC, datata 5 ta' Diċembru, dwar l-istess suġġett.

F'dan ir-rigward, l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Verifika (NAO) ħa nota tal-pożizzjoni addottata mill-Kumitat waqt it-tieni laqgħa hawn fuq imsemmija, partikolament fejn intqal li 'il-Kumitat jifhem li ma jistax jitlob lill-Awditur Ġenerali jaqbeż rapport minflok ieħor, però jappellalu li hemm konsiderazzjonijiet li, kif nafu, iż-żewġ *unions* qabel ma jiġi konkluż dan il-proċess jidher li mhijiex l-intenzjoni tagħhom li jiffirmaw mal-Gvern'. Ovvjament, kif relevat mis-sottoskritt waqt seduta tal-PAC, dan jitfa' fuq l-Uffiċċju tagħna ċerta pressjoni biex ma tinżammx il-prassi addottata li tali investigazzjonijiet mogħtija lilna mill-PAC jinħadmu b'ordni kronoloġika.

Konsegwentament, din is-sitwazzjoni ġiet diskussa bir-reqqa minn dan l-Uffiċċju. L-NAO japprezza l-pożizzjoni tal-PAC imma fl-istess ħin hemm xogħol ta' verifika li l-Uffiċċju jrid jagħmel skont il-liġi kif ukoll hemm diversi rikjesti, magħmula mill-Kumitat stess, għall-investigazzjonijiet minn dan l-Uffiċċju. Waqt li hija x-xewqa tal-NAO li, fil-limiti imposti mir-riżorsi li għandna għad-dispożizzjoni tagħna, kemm jista' jkun nagħtu prijorità lil din l-investigazzjoni kif donnu jixtieq il-Kumitat, imma fl-istess ħin sinċerament ma nħossuniex konvinti li għandna niddistakkaw irwieħna mill-proċedura li minnha nnifisha tiggarantixxi li t-talbiet magħmula mill-PAC jiġu trattati bl-aktar mod ġust possibbli.

Għalhekk, fil-waqt li l-Awditur iżomm id-dritt li fl-aħħar mill-aħħar jiddeċiedi b'mod awtonomu kif l-aħjar jimxi, huwa tal-fehma li jkun aħjar jekk il-Kumitat jara jekk jixtieqx li investigazzjonijiet li dwarhom saret rikjesta mill-Kumitat, u li għadhom pendenti, jiġux posposti. Naturalment, fid-dawl ta' dan, l-Uffiċċju jkun jista' eventwalment jieħu d-deċiżjonijiet tiegħu.

Tislijiet,

C. Deguara